MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Mandat Numru. 545/2013/1

**Rev. Fr. Emanuel Borg Bonello u Rev. Fr. Joseph Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tal-Provincja Agostinjana ta’ Malta**

**vs**

**BCD Projects Limited (C 38742);**
**Jesmond Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Rev. Fr. Emanuel Borg Bonello u Rev. Fr. Joseph Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tal-Provincja Agostinjana ta’ Malta li ghar-ragunijiet hemm premessi talbu lil din il-Qorti zzomm lil BCD Projects Limited u Jesmond Bonello milli jkomplu bix-xoghol ta’ kostruzzjoni fil-fondi Nru. 28 u 29, Marina Street, Pieta’.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta moghti fid-data tad-9 ta' April 2013.

Rat it-twegiba tal-BCD Projects Limited u Jesmond Bonello li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra, sostniet li l-Qorti ghandha tichad it-talba.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti diversament presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors a tenur tal-Art. 734 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni moghtija mill-Prim'Imhallef fis-6 ta' Mejju 2013, komunikata lil din il-Qorti kif presjeduta fl-10 ta' Mejju 2013, li permezz taghha, ir-rikors gie assenjat lill-Qorti kif presjeduta llum sabiex tipprovdi dwaru definittivament.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, il-Provincja Agostinjana qed titlob lill-Qorti zzomm lill-intimati milli jkomplu b'xoghol ta' kostruzzjoni mahsuba ghal erba' sulari u 'penthouse', liema kostruzzjoni, il-provincja msemmija ssostni li tilledi d-dritt taghha ta' tgawdija ta' servitu' "altuis non tollendi" li l-proprjeta' taghha tgawdi. L-intimati jsostnu li l-proprjeta' tar-rikorrenti ma tgawdix dan is-servitu'. Isostnu li l-Provincja Agostinjana qed tinterpreta hazin il-kuntratt li biha giet akkwistata l-proprjeta'.

Ikkunsidrat illi Mandat ta' Inibizzjoni jintalab a tenur tal-Art. 873 li testwalment jipprovdi illi:

"*873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jithassru l-*

*jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*"

In linea ta' principju ghalhekk, huwa ritenut illi l-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher "prima facie", b'ezami profond jibqa' riservat ghall-iskrutinju tal-Qorti li eventwalment tigi adita bil-kawza fil-mertu.

Fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t'ghajn illi fil-kuntratt li permezz tieghu giet akkwistata l-proprjeta' de quo mill-Provincja Agostinjana hemm dikjarat illi l-proprjeta' tgawdi s-servitu' "altuis non tollendi" reklamat mir-rikorrenti odjerni (kuntratt datat 29 ta' Novembru 1965).

Inoltre, fil-kuntratt antecedenti datat 21 ta' Gunju 1926, tirrizulta wkoll obbligazzjoni assunta li ma ssirx kostruzzjoni oghla. L-intimati jsostnu li din kienet biss obbligazzjoni assunta personalment u mhux servitu' gravanti l-proprjeta' innifisha.

Fil-fehma tal-Qorti dan ma jidhirx prima facie li jxejjen id-dikjarazzjoni maghmula fil-kuntratt ta' akkwist tal-1965.

Madankollu, il-Qorti tqis li galadarba, wara d-debiti ricerki, saret id-dikjarazzjoni ta' servitu' fil-kuntratt aktar ricenti, ir-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw il-vot tal-ligi u l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub ghandu jigi milqugh u m'ghandux jitla' bini aktar minn zewg sulari oltre l-pjan terran.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghan-nom tal-Provincja Agostinjana definittivament ghal kull kostruzzjoni oghla minn zewg sulari oltre l-pjan terran.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------